MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-28 ta' Settembru, 2007

Appell Civili Numru. 2582/1997/1

**Benny's Catering Limited**

**v.**

**Kummissarju tal-Pulizija u l-Awtorita` ta' l-Ippjanar u b'digriet tal-1 ta' Frar 1999, Mario u Maria konjugi Deguara, Martin u Janette konjugi Calleja, Mary Dolores Imbroll u Christopher Imbroll, Philip u Patricia konjugi Grixti, John Balzan, Grace Mizzi, Carmela Fenech, Antonia Debono, Joseph Mizzi, Philip Debono, Saviour Darmanin u Francis Darmanin intervenew fil-kawza *in statu et terminis***

**Il-Qorti:**
Rat ic-citazzjoni pprezentata mis-socjeta` attrici li tghid hekk:
"Billi s-socjeta` attrici tiggestixxi negozju fil-fond maghruf bhal Palazzo Pescatore Complex Triq San Pawl, San Pawl il-Bahar liema negozju hemm gestit jinsab debitament munit bil-licenzji kollha mehtiega liema licenzji mahruga mill-Pulizija qeghdin jigu hawn esebiti ma dina c-citazzjoni u liema licenzji debitament imhallsa, inter alia jippermettu lis-socjeta` attrici biex topera l-istess fond ghan-negozju segwenti:

a. *disco licence* ta' Lm500 *"to hold dances from 6pm up to 11pm daily* …", hawn esebita u mmarkata Dokument A,

b. licenzja ta' Lm5 "*to keep the playing of guitar instruments on Mondays and Saturdays from 8pm to 11pm* ...", hawn esebita u mmarkata Dokument B,

c. licenzja "*to sell non-intoxicants, tea & coffee, confectionery* sa 4.00 a.m. hawn esebita u mmarkata Dokument C,

d. licenzja "*to keep a wines, beer and spirits shop* sa 4.00 a.m. hawn esebita u mmarkata Dokument D;

"U billi s-socjeta` attrici precedentement kellha licenzja biex d-diskoteka u d-daqq tal-muzika fil-fond fuq imsemmi jibqghu sejrin sal-1am liema licenzji gew arbitrarjament limitati sussegwentement mill-Pulizija sal-11pm;

"U billi l-fond tas-socjeta` attrici jinsab munit bin-necessarju kollu sabiex jista' jsir dan il-fuq imsemmi negozju fih u ghandu dak kollu li jinhtieg biex il-licenzji jigu estizi anke sal-4am, fost hwejjeg ohra billi l-istess fond huwa '*designated tourist area'*, certifikat bhala *sound proofed*, u ghandhu n-*neighbors' consent* necessarju rikjest mill-ligi;

"U billi fl-ahhar ta' Mejju, 1995 is-socjeta` attrici applikat biex il-licenzji taghha ghall-gestjoni tan-negozju taghha fil-

fuq imsemmi fond in partikolari bhala diskoteka jigi estiz sal-4am;

"U billi l-awtoritajiet kompetenti estendew biss sal-4am il-licenzji ta’ bejgh ta’ non-intoxicants (Dok C) u tal-ispiriti (Dok D);

"U billi l-konvenuti ppretendew li biex tkun tista’ issir tali estenzjoni kien hemm bzonn, li s-socjeta` attrici tapplika ghall-*change of use* mal-Awtorita` tal-Ippjanar;

"U billi l-konvenuti, u senjatament il-Kummissarju tal-Pulizija, baqa’ fuq il-bazi tal-fuq imsemmija tesi ma ipprocessax l-applikazzjoni tas-socjeta` attrici ghall-estenzjoni tal-licenzji kif fuq inghad sal-4am;

"U billi mhux minnu li hemm ebda bdil ta’ uzu kif pretiz mill-konvenuti u ghalhekk il-licenzji ghad-differenza ta’ dak li qed jippretendu l-istess konvenuti tista’ tigi processata u l-permess lis-socjeta` attrici mahrug;

"U billi l-Kummissarju tal-Pulizija qieghed anke jippretendi li jzomm lis-socjeta` attrici milli ddoqq muzika amplifikata u zzomm zfin fil-hinijiet lilha permessi mill-licenzja u dan abbusivament u minghajr ebda dritt;

"U billi bhala konsegwenza ta’ dan kollu, is-socjeta` attrici qeghda issofri danni ngenti li jigu ppruvati f’gudizzju separat;

"Jghidu l-konvenuti nomine ghaliex ma ghandhiex din il-Qorti:

"1. tiddikjara li l-azzjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija li jzomm lis-socjeta` attrici milli ddoqq muzika amplifikata u zzomm zfin fil-hinijiet permessi lilha mill-licenzja, hija wahda llegali u abbusiva;

"2. illi l-limitazzjoni tal-fuq imsemmija licenzja mis-1am hin originarjament koncess lis-socjeta` attrici ghall-11pm kienet limitazzjoni abbusiva li l-istess Kummissarju tal-Pulizija ma kellux dritt jaghmel meta gedded il-licenzja;

"3. illi fin-negozju li s-socjeta` attrici qed tipproponi li tiggestixxi fil-fond fuq imsemmi sal-4am ma hemm involut l-ebda tibdil ta' uzu tal-fond fuq imsemmi u ghalhekk ir-rifjut tal-Kummissarju tal-Pulizija li jipprocessa l-applikazzjoni tas-socjeta` attrici ghall-tali estenzjoni hija wahda abbusiva u illegali.

"Bl-ispejjez u b'riserva ghall-kull dritt tad-danni spettanti lis-socjeta` attrici u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni."

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' l-Awtorita` ta' l-Ippjanar li in forza taghha eccepiet illi:
"Illi preliminarjament jigi eccepit li fil-konfront ta' l-Awtorita` ta' l-Ippjanar m'hemm l-ebda talba diretta kontra l-istess Awtorita` ta' l-Ippjanar. Di fatti t-talbiet huma lkoll diretti kontra l-konvenut l-iehor.

"Illi inoltre minghajr pregudizzju ghas-suespost f'kwalukwe kaz, hu sottomess li kontestazzjoni dwar permess ghal zvilupp taqa' fil-gurisdizzjoni tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar u ulterjorment f'kaz ta' appell minn punt ta' ligi minn decizjoni ta' l-istess Bord, quddiem il-Qorti ta' l-Appell u mhux quddiem il-Qrati ordinarji.

"Illi kuntrarju ghal dak li qed tghid is-socjeta` attrici, hu sottomess li l-izvilupp in kwistjoni jesigi permess mill-Awtorita` ta' l-Ippjanar. Di fatti kienet saret applikazzjoni ghal-permess li jgib in-numru PA 4141/95 liema applikazzjoni fil-prezent hi pendenti ghal rikonsiderazzjoni quddiem l-istess Awtorita` ta' l-Ippjanar u dan wara li kien hemm rifjut ghall-istess applikazzjoni. Din l-applikazzjoni titlob li fis-sit in kwistjoni jsir *"change of use of ground floor from bar and resturant to disco ".*

"Illi hu sottomess li l-imsemmi zvilupp cioe` bdil minn uzu ta' *"bar and resturant* ghal *disco* " jirrikjedi permess ta' zvilupp. L-artikolu 4 ta' l-A.L. 53 tal-1994 dwar il-Klassijiet ta' Uzu fl-Ippjanar ta' l-Izvilupp, espressament jipprovdi li xejn fil-klassijiet imsemmija fl-iskeda fl-A.L. gia citat ma

ghandha tigi mifhuma li tkopri bdil ghal diskoteka. Di fatti l-artikolu 4 jipprovdi li:

"Ebda haga specifikata fl-Iskeda ma ghandha tinkludi xi uzu ghal xi wiehed minn dawn li gejjin: …
"(b) Kazin tal-banda, klabb socjali, sala taz-zfin jew tigijiet, jew **diskoteka**;"

"Inoltre ghal kull bon fini skond l-A.L. 53 tal-1994 bdil fl-uzu minn bar u resturant ghal diskoteka ma jaqghax taht Klassi 6, u ghalhekk jenhtieg li jsir aplikazzjoni ghal hrug ta' permess meta jsir zvilupp ta' din ix-xorta.

"Illi bla pregudizzju ghas-suespost hu sottomess li s-socjeta` attrici qatt ma kellha licenzja biex taghmel discos sal-4.00 ta' filghodu u dan jirrizulta anke mill-istess dokumenti li pprezentat is-socjeta` attrici. Il-licenzja li pprezentat is-socjeta` attrici kienet *"to hold dances from 6.00 p.m. until 11.00 p.m."* u mhux wahda ghal diskoteka sa l-4.00 ta' filghodu. Inoltre jigi sottomess li hemm differenza enormi fil-hin cioe` l-hin setghu jsiru l-imsemmija dances – cioe` sal-11.00 p.m., u l-hin sakemm is-socjeta` attrici qed tippretendi li tibqa' sejra bid-diskoteka – jigifieri sa l-4.00 ta' fil-ghodu.

"Illi skond d-dokumenti esibiti mill-istess socjeta` attrici, kien hemm licenzja *"to hold dances from 6.00 p.m. up to 11.00 p.m. ..".* Ma jirrizultax mid-dokumenti esibiti li kien hemm xi licenzja biex isiru *dances* sa 1.00 ta' filghodu (ara Dok. "A" esibit mis-socjeta` attrici mac-citazzjoni taghha). Inoltre l-licenzja d-Dok. "A" kienet soggetta ghal kundizzjoni ta' *"no annoyance is caused to neighbours".*

"Illi dwar is-sottomissjon tas-socjeta` attrici li ghandha n-*neighbour's consent*, jigi rilevat li kemm meta saret l-applikazzjoni quddiem l-Awtorita` ta' l-Ippjanar il-PA 4141/95 gia citat u wkoll qabel, saru numru sostanzjali ta' *objections* minn diversi individwi li jghixu fl-inhawi (ara Dok PEMI petizzjoni tar-residenti li waslet ghand l-Awtorita` ta' l-Ippjanar fl-4 ta' Lulju, 1995, Dok PEM2, PEM3, PEM4 diversi ittri ta' residenti Dok PEM5 ittra ta' l-avukat Dr. Robert Mangiion ghan-nom ta' diversi residenti,

Dok PEM6 ittra ohra tad-9 ta’ Settembru, 1995 iffirmata minn diversi residenti).

"Illi hu umilment sollomess li kuntrarju ghal dak li qed tghid is-socjeta` attrici hemm fil-fatt bdil fl-uzu u dan kif ser jigi ppruvat ukoll matul it-trattazzjoni tal-kawza.

"Salv eccezzjonijiet ohra"

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-Kummissarju tal-Pulizija li in forza tieghu eccepixxa illi:
"1. Illi preliminarjament din il-Qorti m’ghandiex tisharreg l-ghemil amministrattiv ta’ l-eccipjent a tenur tas-sub-artikolu (4) ta’ l-artikolu 469A tal-Kap. 12 peress li ligijiet ohra jipprovdu ghall-mod ta’ kontestazzjoni jew ksib ta’ rimedju.

"Illi f’dan il-kaz is-socjeta` attrici ghad ghandha aditu ghall-zewg bordijiet amministrattivi mwaqqfa mill-ligi fejn il-lanjanzi taghha jistghu jigu ventilati u cioe : Bord ta’ Pariri dwar Licenzji tal-Pulizija u Tribunal ta’ Appelli dwar Licenzji tal-Pulizija.

"Hija ukoll tista’ titlob ir-rimedju opportuni skond l-Att ta’ l-Ippjanar ta’ l-Izvilupp.

"2. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjoni precedenti u fil-mertu, it-talbiet kollha tas-socjeta` attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-agir ta’ l-eccipjent kien u ghadu dettat mir-ragunijiet impellenti ta’ ordni pubbliku.

"3. Illi s-socjeta` attrici diga tgawdi fis-sit imsemmi diversi licenzji u cioe` licenza ghall-bejgh ta’ xorob alkoholiku; licenza sabiex il-post jibqa’ miftuh sas-1,00am kuljum; ohra ghall-bejgh ta’ xorb mhux alkoholiku u *confectionery*, licenza biex jinzamm *dances* bejn is-6.00 pm u 11.00 pm u licenza ghad-daqq ta’ kitarri l-Hamis u s-Sibt bejn it-8.00pm u 11.00pm.

"Illi l-licenzji ghall-bejgh ta’ xorb alkoholiku u mhux gew estizi sal-4.00am fuq talba ta’ l-istess socjeta` attrici u

wara li ta’ l-permess tieghu l-Ministru responsabbli ghal tali licenzjar.

"4. Illi fir-rigward tat-talba tas-socjeta` biex izzomm *dances* kuljum sa l-4.00 ta’ fil-ghodu jinghad li sa mill-1984 il-licenzja *to hold dances* dejjem harget sal-11pm u anki proprjetarji precedenti tal-post qatt ma thallew idoqqu muzika qawwija wara l-hdax ghaliex iz-zona dejjem kienet meqjusa bhala wahda residenzjali.

"5. Illi peress li s-socjeta` attrici qed titlob li jkun hemm bdil ta’ uzu minn *bar and restaurant* bid-daqq ta’ muzika u *dances* ghall-diskoteka, dan il-bdil jehtieg permess that l-Att ta’ l-1992 Dwar l-Ippjanar ta’ l-Izvilupp u ghal dan tirrispondi l-awtorita` l-ohra konvenuta.

"Salv u mpregudikat kwalunkwe eccezzjoni ohra permess mill-ligi."

Rat id-digriet moghti mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-1 ta' Frar 1999, li in forza tieghu laqghet it-talba ta' Mario u Maria konjugi Deguara, Martin u Jannette konjugi Calleja, Mary Dolores Imbroll u Christopher Imbroll, Philip u Patricia konjugi Grixti, John Balzan, Grace Mizzi, Carmela Fenech, Antonia Debono, Joseph Mizzi, Philip Debono, Saviour Darmanin u Francis Darmanin sabiex jithallew jintervjenu fil-kawza *in statu et terminis*;

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Novembru 2003, li in forza taghha ddecidiet il-kawza billi lliberat lill-Awtorita` ta' l-Ippjanar mill-osservanza tal-gudizzju, stante li ma ntalab xejn kontra taghha, u cahdet it-talbiet attrici fil-konfront tal-Kummissarju tal-Pulizija, billi ma rrizulta xejn illegali u abbuziv; bl-ispejjez ghas-socjeta` attrici;

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
"Il-Qorti rat il-verbal a fol. 87 maghmul mill-konvenuti. Dwar t-tieni eccezzjoni tal-konvenuti, Awtorita ta’ l-Ippjanar, il-Qorti tirrileva li f’dana l-kaz is-socjeta` attrici qed tikkontendi li ma kienx hemm ghalfejn li hija titlob

permess ta’ l-Awtorita` ghax ma kienx hemm *change of use* u ghalhekk li ma hux il-kaz li l-ewwel titlob rimedju minghandha. Fil-fatt Benjamin Muscat ghamel kawza ohra kontra l-Awtorita` ta’ l-Ippjanar Citaz 1356/2000 fejn qed jikkontesta l-*withdrawal* tal-permess.

"Kwantu ghat-tieni eccezzjoni tal-konvenut Kummissarju tal-Pulizija, l-Qorti tirrileva li l-Bord imsemmi fl-eccezzjoni, jaghti biss pariri lill-Kummissarju u hu l-istess Kummissarju li jiehu d-decizjonijiet. Ghalhekk is-socejta` attrici kellha dritt tikkontesta dina d-decizjoni fil-Qorti. Inotre l-Qorti tirrileva li l-partijiet, in segwitu ghal verbal fuq imsemmi li sar fil-1998, kienu qaghadu ghal gurisdizzjoni ta’ dina l-Qorti u fil-fatt ressqu l-provi kollha taghhom fil-mertu u ma baqghux jinsistu fuq dina l-eccezzjoni.

**"KONTESTAZZJONI**

"Is-socjeta` attrici kellha diversi licenzi fuq il-post in kwistjoni u cioe: licenza *to hold dances from 6pm up to 11pm daily,* Dok A; licenzja *to keep the playing of guitar instruments on Thursdays and Saturdays from 8pm to 11pm*, Dok B; licenzja *to sell non-intoxicants, tea & coffee, confectionery* Dok C; licenzja t*o keep a wines, beer and spirits shop*, Dok D;

"Precedentement (mill-1974 sa 1981) is-socjeta` attrici kellha licenzja biex izomm *dances* fil-fond imsemmi sal-1.00 a.m. liema licenzja, skond s-socejta` attrici giet arbitrarjament limitata sussegwentement mill-Pulizija sal-11.00 p.m.

"L-applikazzjoni tas-socjeta` attrici biex testendi l-licenza *to hold dances* sa l-4.00 a.m. gie *refused* u l-awtoritajiet kompetenti estendew biss sa l-4a.m il-licenzji ta' bejgh ta' *non-intoxicants* u tal-ispiriti.

"Is-socjeta` attrici tissottometti li l-fond imsemmi ghandu dak kollu li hu necessarju sabiex il-licenzji ghal *disco* jigu estizi anke sa l-4.00 a.m, fost hwejjeg ohra l-istess fond huwa *'designated tourist area'*, hu certifikat bhala *sound proofed*, u ghandhu n-*neighbors' consent*

necessarju rikjest mill-ligi. L-atturi qed jikkontendu li biex tkun tista' issir tali estenzjoni ma hemmx bzonn li huma japplikaw ghall-*change of use* mal-Awtorita` tal-Ippjanar kif qed jippretendi l-Kummissarju tal-Pulizija. (Ghal posizzjoni ta' l-atturi ara l-Memorandum li gie prezentat a fol. 10 sa 16 tal-process).

"Ghalhekk l-atturi jikkontendu li dana l-agir tal-konvenut Kummissarju tal-Pulizija u r-rifjut tieghu li jestendi l-licenza ezistenti ghal 4.00 a.m. hu abbusiv u illegali.

"Il-konvenut Kummissarju tal-Pulizija xehed li f'Mejju, 1995 l-attur kien ghamel talba biex izomm il-post tieghu Palazzo Pescatore miftuh sa l-4.00 ta' filghodu biex ibiegh xorb u biex izomm dances sa l-4.00 ta' filghodu wkoll. Dan il-post diga` kien licenzjat biex ibiegh xorb sal-1.00 a.m. u biex izomm *dances* mis-6.00 p.m sal-11.00 p.m. Dak iz-zmien kien qed jinghad li l-post inbiegh lil certu Joe Camilleri u kien qed jigi reklamat bhala Rave Club u bdew isiru protesti kemm fil-gazzetti kif ukoll mir-residenti tal-vicinanzi. Dawn it-tip ta' licenzji huma prerogattiva tal-Minstru ta' l-Intern u l-kaz ghalhekk gie riferut lis-Segretarju Permanenti fil-Ministeru. Dan kien irrisponda li bdil ta' l-uzu minn bar u restaurant ghal disco jehtieg permess tal-Awtorita` ta' l-Ippjanar. Minhabba f'hekk l-applikazzjoni ta' l-attur ma kelliex tigi processata qabel ma jkun hemm il-permess tal-Awtorita` ta' l-Ippjanar ghalhekk il-pulizija giet ordnata li kellha tassigura li ma tindaqx muzika u ma jsirux *dances* wara l-hdax ta' bil-lejl. Wara l-Ministeru accetta li l-licenzi li kienu konformi mal-policy cioe dawk dwar bejgh ta' inbid, birra u spirtu mhux alkoholiku, jigu estizi ghal 4.00 a.m waqt li l-licenzja ghal *dances* ma tigi hekk estiza sakem l-attur ma jgibx il-permessi mill-Awtorita` ta' l-Ippjanar. Jirrizulta li mill-1974 l-attur kellu licenzja *to hold dances* mis-6.00 p.m sal-1.00 a.m kulljum. Imbaghad mill-1984 il-quddiem din il-licenzja saret mis-6.00 p.m sal-11.00 p.m *daily*.

"(Il-posizzjoni tal-Kummissarju tinsab riflessa fl-ittra a fol. 228/9 mibghuta mill-Assistent Kummissarju lis-Segretarju Privat tal-Prim Ministru fil-20 ta' Settembru, 1997).

"Il-konvenuti Awtorita` ta’ l-Ippjanar issostni li fil-konfront taghhom m'hemm l-ebda talba u li t-talbiet huma kollha diretti kontra l-konvenut l-iehor il-Kummissarju tal-Pulizija.

"Fil-mertu issostni li kuntrarju ghal dak li qed tghid is-socjeta` attrici, l-izvilupp in kwistjoni jesigi permess mill-Awtorita` ta' l-Ippjanar skond l-artikolu 4 ta' l-A.L. 53 tal-1994 dwar il-Klassijiet ta' Uzu.

**"KONSIDERAZZJONIJIET**

**"Awtorita` ta’ l-Ippjanar**

"Dwar il-konvenuti Awtorita` ta’ l-Ippjanar jirrizulta mill-ezami tat-talbiet tas-socjeta` attrici li l-ebda wahda minn dawn it-talbiet ma hija diretta kontra l-Awtorita` imma huma kollha diretti kontra l-Kummissarju tal-Pulizija ghalhekk l-konvenuti Awtorita` ma jistghux jigu kkundannati li ghamlu xi haga illegali jew abbusiva meta ma hemmx talba ghalhekk.

**"Kummissarju tal-Pulizija**

"Il-talbiet huma diretti kontra l-Kummissarju tal-Pulizija.

**"L-ewwel talba**

"L-ewwel talba tas-socjeta` attrici hija fis-sens li l-azzjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija li jzommha milli ddoqq muzika amplifikata u zzomm zfin fil-hinijiet permessi lilha mill-licenzja, hija wahda llegali u abbusiva.

"Illi jirrizulta mill-provi li l-konvenut Kummissarju tal-Pulizija mhux qed izomm lis-socjeta` attrici milli ddoqq musika jew izomm zfin skond il-permessi li attwalment hija ghandha. Is-socjeta attrici ghandha licenzja sabiex izomm *dances* bejn is-6.00p.m u il-11.00 p.m u dana qed jigi permess.

**"Tieni talba**

"Is-socjeta` attrici qed titlob ukoll li jigi dikjarat li l-limitazzjoni tal-fuq imsemmija licenzja mis-1.00 a.m

originarjament koncess lis-socjeta` attrici ghall-11.00p.m kienet limitazzjoni abbusiva li l-istess Kummissarju tal-Pulizija ma kellux dritt jaghmel meta gedded il-licenzja.

"Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-licenzji originarjament kienu f'isem Anthony Calleja imbaghad ghaddew fuq Benjamin Muscat. Mill-1974 sal-1984 il-licenza *"to hold dances"* kienet mis-6.00 p.m sa 1.00 a.m *daily provided no annoyance is caused to neighbours and the music is to be stopped at any time if so directed by the Police* ***and only soft music is played after 11.00pm.*** Imbaghad mill-1984-il quddiem sal-1995 ghal xi raguni l-licenza bdiet tohrog sal-11.00p.m u s-socejta` attrici baqghet thallas dina l-licenzja b'dan il-hin. Jigifieri li mill-1984 sal-1995 is-socjeta` attrici dejjem hallset il-licenzja b'dan il-mod u qatt ma kkontestat dan il-bdil fil-hin. Il-licenzja kienet *"to hold dances"* u mkien ma jisemma *"disco"* tant u hekk li kien pprovvdut li wara l-hdax setgha jindaqq biss *soft music* (li mhiex *disco music*).

"Il-Qorti ghalhekk ma tara li sar xejn illegali jew abbuziv f'dan ir-rigward u s-socjeta` attrici fl-ebda hin, f'dak il-perjodu, ma gibed l-attenzjoni tal-konvenut li sar xi abbuz.

**"It-tielet talba**

"Is-socjeta` attrici qed issostni li t-talba taghha biex tiggestixxi il-fond imsemmi sa l-4.00 a.m ma hemm involut l-ebda tibdil ta' uzu tal-fond u ghalhekk ir-rifjut tal-Kummissarju tal-Pulizija li jipprocessa l-applikazzjoni tas-socjeta` attrici ghall-tali estenzjoni hija wahda abbusiva u illegali.

"Is-socjeta` attrici tikkontendi li hija ssodisfat il-kriterji kollha biex tottjeni l-estenzjoni tal-licenzja u semmiet li ghanda n-*neighbours' consent*; il-post fejn hu gestit in-negozju jinsab go *tourist area* u fil-fond hemm is-*sound proofing* skond certifikat li hija ezibit.

"Jidher li l-Kummissarju tal-Pulizija kien ukoll sodisfatt li s-socjeta` attrici kellha l-kriterji rikjesti, ghalkemm waqt is-smiegh tal-provi hareg li kuntrarjament ghall dak espost

mis-socjeta` attrici, kienu saru petitions minn neighbours kontra l-propost ftuh ta' Disco, (ara fol. 70, 75, 77, 196 et) kif ukoll li rrizulta li l-fond in kwistjoni proprjament ma kienx qieghed go *Tourist Area*. Izda nonostante dana, il-Kummissarju deher li kien sodisfatt, imma billi dan it-tip ta' licenzja li talbet is-socjeta` attrici kienet wahda li tinhareg fuq prerogattiva tal-Ministru, l-kaz gie riferut lis-Segretarju Permanenti fil-Ministeru u dana kien irrisponda li bdil ta' uzu minn **bar u restaurant** bid-daqq ta' *live music* u *dances* ghal **diskoteka** kien jehtieg permess taht l-Att tal-1992 dwar l-Ippjanar ta' l-Izvilupp. Minhabba f'hekk il-Kummissarju tal-Pulizija kien gie ordnat li ma jipprocessax l-applikazzjoni tas-socejta` attrici qabel ikun hemm permess mill-Awtorita` ta' l-Ippjanar u ghalhekk il-Pulizija kellha tassikura li ma tindaqx muzika u jsirux *dances* wara l- 11.00 p.m skond il-licenzji ezistenti.

"Is-socjeta` attrici ssostni li dana l-agir tal-Kummissarju tal-Pulizija huwa abbuzi u illegali.

"Il-poter delegat mill-ligi lill-Kummissarju tal-Pulizija huwa strettament kirkostrett mit-termini precizi li bihom dik id-delegazzjoni hija espressa.

"Kondizzjonijiet f'licenzja huma u ghandhom ifissru biss modalitajiet li jordinaw il-mekkanzimu amministrattiv mill-aspett prattiku u mhux dak li fir-realta` ikun regolament gdid jew addizzjoni ma' regolament, jigifieri emenda ta' regolament li mhiex soggetta ghall-possibilita` ta' kontroll mill-Kamra tad-Deputati.

"Il-Kummissarju, skond ir-regolament 12 (Att 24/1949 Police Licences Regulations) jista' jaghmel modalitajiet ragjonevoli li jirrigwardaw il-licenzji li ma jammontawx ghal ligi (per ezempju ma tistax jikkreja piena ghal reat permezz ta' kondizzjoni gdida).

"Fl-istat ta' dritt id-diskrezzjoni hija dejjem u f'kull kaz u cirkostanza sottomessa ghad-dritt b'mod illi f'ebda kaz u f'ebda cirkostanza l-ezercizzju taghha ma jista' jigi f'sitwazzjoni jew f'posizzjoni konflittwali jew kontrastranti

mal-principji ta' l-istess dritt (ara App Civ F Pace vs Kumm. tal Pulizija et 18/11/94).

"Fil-kaz in ezami s-socjeta` attrici qed tikkontendi, (ara talba) li ma kienx hemm ghalfejn li jintalab permess minghand l-Awtorita` ta' l-Ippjanar billi t-talba taghha kienet ghal estenzjoni ta' licenzji li hija diga` kellha u ma kien hemm ebda *change of use*.

"Illi fil-fatt jirrizulta mill-provi li t-talba tas-socjeta` attrici ma kienitx ghall-estenzjoni ta' licenzji prezistenti billi l-licenzja li kellha s-socjeta` attrici kienet wahda *" to hold dances* f'bar u restaurant bid-daqq ta' *live music* from 6.00 p.m to 11.00 p.m." u mhux li topera *disco*. It-talba tas-socjeta` attrici kienet biex topera *disco* meta hija kellha biss licenzja biex izomm *dances*, u biex tibqa sa l-4.00 a.m meta hija kellha biss permess li tibqa sal-11.00p.m. Li tifah diskoteka mhiex l-istess bhal *dances* f'restaurant u bar bil-*live music* - kemm ghar-rigward tal-volum tal-musika li tintuza kif ukoll ghal kwantita` ta' nies li jattendu.

"Is-socjeta` attrici tikkontendi li hija kellha licenza li topera *disco* billi kienet thallas Lm500 ghal licenzja. Fil-fatt huwa veru li hija kienet thallas dana l-ammont izda l-licenza li kellha kienet dejjem *'to hold dances'* u mhux ta' *disco*, u l-izball kien li s-socjeta` attrici giet iccargjata *fee* hazina, u dana ma jfissirx li hija b'daqshekk kienet ottjeniet licenza biex izomm *disco*, u dana ghaliex biex tikkwalifika ghal licenzja ta' *disco* trid tissodisfa certi kriterji.

"Ghalhekk meta l-konvenut Kummissarju tal-Pulizija informa lis-socjeta` attrici li trid iggib il-permessi mill-Awtorita` ta' l-Ippjanar hu ma kien qed jaghmel xejn illegali jew irragjonevoli jew abbusiv, anzi hu kien qed jimxi skond il-Ligi, billi dina kienet prerogattiva ta' Ministru, u l-Ministeru iddecieda (haga li mhiex in kontestazzjoni f'dina l-kawza) li kien hemm bzonn ta' permess mill-Awtorita` ta' l-Ippjanar. Il-konvenut kull ma ghamel kien li qal lis-socjeta` attrici biex timxi skond il-ligi. Hu ma kien qed jaghmel ebda kondizzjoni gdida u lanqas ma kien qed johloq xi regolament gdid anzi hu segwa l-ordni tal-

Ministru. Hu mexa dejjem b'mod li jigi mhares l-ordni pubbliku."

Rat ir-rikors ta' l-appellipprezentat mis-socjeta` attrici li, ghar-ragunijiet hemm premessi, talbet ir-revoka u t-thassir tas-sentenza appellata, u l-konsegwenzjali akkoljiment tat-talbiet taghha.

Rat ir-risposta ta' l-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar li, ghar-ragunijiet hemm premessi, talbet ic-cahda ta' l-appell u l-konferma tad-decizjoni appellata;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Semghet lid-difensuri ta' whud mill-partijiet;

Ikkunsidrat;

Illi qabel xejn, din il-Qorti sejra titratta l-kwistjoni ta' l-interess guridiku allegatament nieqes fis-socjeta` attrici, kwistjoni li tressqet ghall-attenzjoni ta' din il-Qorti fl-udjenza tad-19 ta' Gunju 2007 mill-intervenuti Mario u Maria konjugi Deguara. Il-konjugi Deguara rrilevaw li filwaqt li l-permessi ghall-uzu kummercjali tal-fond maghruf bhala "Palazzo Pescatore" f'San Pawl il-Bahar, u l-applikazzjonijiet ghat-tigdid ta' dawn il-permessi, huma kollha f'isem Benjamin Muscat, din il-kawza, relatata ma' dawn il-permessi, qed issir minn socjeta` kummercjali li m'ghandhiex permess wiehed fuq isimha.

Din il-Qorti rat li, fil-fatt, il-permessi u l-licenzji meritu ta' din il-kawza huma kollha f'isem Benjamin Muscat. L-ilmenti mal-Kummissarju tal-Pulizija dwar l-estensjoni tal-permessi u l-effett taghhom saru kollha mill-istess Benjamin Muscat, li jidher ukoll li hu l-proprjetarju tal-fond fuq imsemmi. Ghalkemm il-permessi tal-Pulizija huma kollha f'isem Benjamin Muscat, jidher li dan qed juzufruwixxi minn dawn il-permessi tramite l-kumpanija tieghu, dik attrici. Huwa, pero`, Benjamin Muscat li ghandu l-permess jorganizza *dances* fil-fond, u mhux is-socjeta` attrici, u jekk il-Pulizija qed jagixxu b'mod li jimpedixxu l-utilizzazzjoni tal-permess, huwa t-titolar ta'

dak il-permess li ghandu dritt jilmenta, u mhux terza persuna li, jista' jkun, qed tithalla tinnegozja billi taghmel uzu mill-istess permess. L-interess guridiku mehtieg biex tigi radikata azzjoni jrid ikun, fost affarijiet ohra, dirett u personali, u mhux derivattiv. Licenzja jew permess jappartjeni lit-titular li wahdu ghandu l-interess mehtieg jipprotegi l-effetti u l-estensjoni tieghu.

Fil-kawza **Socjeta` Filarmonika La Stella v. Kummissarju tal-Pulizija**, deciza minn din il-Qorti fid-19 ta' Lulju 1997 kienet giet sollevata kwistjoni simili. Applikazzjoni ghall-permess ghal-loghob tan-nar in konnessjoni mal-festa ta' San Gorg Martri gewwa Ghawdex, sar min u f'isem il-membri ta' l-ghaqda "La Stella". Peress li kien hemm hjiel li l-permess ma kienx se jinhareg, is-Socjeta` ghamlet kawza fejn talbet lill-Qorti biex din tordna lill-Kummissarju tal-Pulizija johrog il-permess. Din il-Qorti, pero`, b'decizjoni moghtija fid-19 ta' Lulju 1997, cahdet it-talba wara li osservat li s-socjeta` attrici ma kellhiex l-interess mehtieg "tindahal" fi kwistjoni ta' licenzja li applikaw ghaliha diversi membri taghha. Avvolja l-"interess" generali fil-hrug tal-permess kien l-istess ghas-Socjeta` u ghal membri taghha, la darba t-talba ghall-hrug tal-permess kienet saret f'isem persuni *proprio*, ma kienx lecitu ghas-Socjeta` li takkapparra f'isimha l-"interess" guridiku marbut mal-hrug ta' l-istess permessi.

Din il-Qorti tista' tieqaf hawn fir-rigward, ghax darba li jirrizulta li s-socjeta` attrici m'ghandhiex l-interess mehtieg biex tippromwovi din il-kawza, mhux lok li tindaga ulterjorment fuq l-aggravji taghha kontra s-sentenza appellata. Ghal kull buon fini, pero`, din il-Qorti trid tirrimarka li, bhall-ewwel Qorti qabilha, ma ssib xejn x'tista ticcensura fil-kondotta tal-konvenuti. Jirrizulta li fl-1984, Benjamin Muscat kien inghata mill-Pulizija licenzja biex jorganizza "*dances*" fil-lok, basta li jispicca kollox sal-11.00pm. Din il-limitazzjoni ta' hin qatt ma giet ikkontestata sal-ftuh ta' din il-kawza fl-1997, u din il-Qorti ma tistax tifhem kif din il-limitazzjoni tista', <u>issa</u>, tigi allegata li hi abbuziva. Hu veru li Benjamin Muscat kien ihallas il-*fee* ta' licenzja ta' diskoteka, li hi oghla minn dik li

trid tithallas ghall-kaz ta' *dances*, pero`, bhala fatt qat ma nghata din il-licenzja u qatt ma oggezzjona ghall-fatt li, ghal 13-il sena, ma kienx inghata l-licenzja li ghaliha kien ihallas. Apparti dan, la darba jirrizulta li l-fond mhux qieghed go *tourist area*, din il-limitazzjoni ma tistax titqies li hi irraggonevoli.

Is-socjeta` attrici qed tipproponi li fil-fond tibda torganizza *discos* sal-4.00 a.m. u qed isostni li tista' taghmel dan minghajr tibdil fil-permess ezistenti. Il-Kummissarju tal-Pulizija u l-MEPA qed jirrifjutaw li jirriknoxxu jew jbidlu l-permess beix dan jigi konformi ma' dak li qed tesigi s-socjeta` attrici. Din is-socjeta`, pero`, mhix qed tattakka r-rifjut b'dawn il-proceduri (wara r-rifjut tal-MEPA, intalbet *reconsideration* quddiem l-istess Awtorita` u tressaq wara appell quddiem il-Bord ta' l-Appell), izda qed issostni li ma kienx hemm htiega ta' approvazzjoni ghal bidla mixtieqa. Fil-verita`, pero`, hemm differenza bejn "*to hold dances f'bar u restaurant* bid-daqq ta' *live music* from 6.00 p.m. to 11.00 p.m." u li topera diskoteka sal-4.00 a.m.! Peress li dan ifisser "*change of use*" tal-fond, kien korrett il-Kummissarju tal-Pulizija li ried, fl-ewwel lok, l-approvazzjoni mill-MEPA. Da parti tieghu, il-Kummissarju tal-Pulizija, kien propens jaghti l-permess mehtieg, darba li l-esigenzi mehtiega mic-cirkostanzi tal-lokal jigu sodisfatti, pero`, anke hu marbut bil-ligijiet tal-pajjiz, u la darba bidla ta' uzu ta' fond minn "bar and restaurant" ghal diskoteka jehtieg permess mill-Awtorita` ta' l-Ippjanar, il-Kummissarju ma setax jinjora dak li trid il-ligi. Mhux kaz li hu qed jassoggetta d-diskrezzjoni tieghu ghal kunsens ta' awtorita` ohra, izda li jissottometti ruhu ghal dak li tghid u trid il-ligi, kif hu mistenni minnu. Ghalkemm kienu saru diversi petizzjonijiet mill-girien kontra l-propost ftuh tad-diskoteka, l-Kummissarju tal-Pulizija kien sodisfatt li gew milhuqa l-kriterji rikjesti, pero`, l-uzu tal-fond bhala diskoteka kien jehtieg, f'dan il-kaz, permess iehor, dak tal-MEPA. Sakemm dan ma jinharigx, il-Kummissarju tal-Pulizija hu gustifikat milli jzomm li johrog il-permess tieghu u li jesigi li l-uzu tal-fond ikun konformi mal-licenzja attwali.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost billi tichad l-istess, u tikkonferma s-sentenza appellata.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu kollha mis-socjeta` attrici appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------